MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## IAN FARRUGIA

Seduta tat-2 ta' April, 2014

Numru. 1025/2010

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Joseph Mercieca)**

**Vs**

**GIUSEPPE TRAPANI**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat Giuseppe Trapani, (imressaq meta kellu 38 sena) ta` 41 sena, iben Carlo u Caterina nee' Spinelli, imwieled Taranto, Italja nhar it-3 ta' Settembru, 1972 u li joqghod Appartament nru. 13, TB4, Tigne Point, Sliema, detentur ta' karta ta' l-identita' Taljana numru AA5411697, gie akkuzat talli :

fl-14 t'Awissu, 2010, ghall-habta tad-9.00a.m, u/jew fix-xhur ta' qabel, gewwa Ta' Salvu Building fi Triq il-Wardija kantuniera ma Triq l-Insolja, Burmarrad, limiti ta' San Pawl il-Bahar u/jew fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer;

1. xjentement, laqa' ghandu jew xtara hwejjeg, cioe' tlett armi tan-nar li jikkonsistu f'pistola tal-marka Beretta, numru serjali H85810Z, revolver tal-marka Rossi bin-numru serjali D684304, u revolver iehor ta' marka u numru serjali mhux maghrufa, li l-valur komplessiv taghhom ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha w ghoxrin Euro u sebgha w tletin centezmu (€2329.37), liema armi kienu misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

2. zamm f'xi fond jew kellu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond, xi arma tan-nar, jew munizzjon, elenkati fl-Iskeda II tal-Kapitolu 480 (Att Dwar l-Armi) minghajr ma kellu licenza taht l-istess Att.

Rat l-atti u d-dokumenti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda moghtija bil-gurament;

Semghet is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet;

**Ikkunsidrat**;

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghall-proceduri odjerni kienu s-segwenti. L-imputat kien *shareholder* u direttur tas-socjeta` International Meats Ltd. Sa mit-twaqqif taghha, fis-sena 2007, in-negozju ta` importazzjoni u bejgh ta` laham kien operat minn Burmarrad, gewwa Ta` Salvu Building, fi Triq il-Wardija kantuniera ma Triq l-Insolja. Qabel ma l-imputat dahal jopera minn hemm pero`, dan il-fond kien jintuza minn kumpanija ohra gestita minn certu Jason Pace u Frankie Grima. Meta l-fond ghadda f'idejn l-imputat, Jason Pace baqa hemm jahdem mieghu ghal madwar hamex xhur. Meta l-fond kien ghadu f'idejn Jason Pace, f'ufficcju (u gewwa *cabinet* partikolari) li kien imbaghad jintuza minn Giuseppe Trapani, kien jinzamm senter (tal-marka SAVAS *serial no* 1295) go pouch, propjeta ta` Jason Pace. L-imputat kien jaf b'dan is-senter u kien qieghed u baqa jinzamm hemm bil-kunsens ta` l-imputat. Qabel ma spicca minn hemm, l-imsemmi Jason Pace kellu access ghal dan l-ufficcju partikolari. Kellhom access ukoll il-General Manager Christian Micallef u Isabelle Farrugia, ex-segretarja. Matul il-gurnata, l-ufficcju kien ikun miftuh u kulhadd seta jidhol u johrog.

F'xi zmien fis-sena 2010 jidher li l-imputat kellu xi diffikultajiet finanzjarji u kien qed jonqos fil-hlasijiet tal-kera. Il-propjetarji, l-ahwa Silvio u Adrian Tonna, fl-interess ta` missierhom Francis Tonna, a bazi ta` dritt li ppretendew li kellhom, u kontra l-opinjoni anke ta` l-Ispettur tal-Pulizija Edmond Cuschieri, iddecidew li jidhlu fil-fond u jiehduh lura f'idejhom. Ghamlu l-arrangamenti kollha, hadu maghhom nies tas-sengha u nhar l-14 ta` Awwissu 2010 accedew fil-fond imsemmi gewwa Burmarrad, sgassaw il-bieb principali u dahlu. Ghamlu xi xogholijiet li kellhom jaghmlu u biddlu xi serraturi. F'hin minnhom, Silvio Tonna tela fuq u hemmhekk gie sgassat il-bieb ta` l-ufficcju ta` l-imputat. Malli Silvio Tonna induna bis-senter gewwa l-*cabinet*, huwa mmedjatament informa lill-pulizija li minn naha taghha giet fuq il-post biex tinvestiga. Saret *search* kif suppost f'dan l-ufficcju u gew elevati, apparti s-senter propjeta` ta` Jason Pace, tlett armi (*revolvers*) ohra, Beretta H85810Z, Rossi D684304 u ohra Bulldog minghajr *serial number*, kif ukoll xi munizzjon. Il-pulizija kompliet tinvestiga. Baghtet ghall-imputat li pero` kien ghadu msiefer. Di fatti, l-imputat kien ilu madwar gimghatejn, jekk mhux aktar, barra minn Malta qabel l-14 ta` Awwissu 2010. Meta rritorna lura Malta, l-imputat gie arrestat u ttiehed ghand il-pulizija u rrilaxxja stqarrija.

Irrizulta mill-investigazzjonijiet, illi l-arma partikolari Beretta H85810Z kienet insterqet (flimkien ma oggetti ohra) minn residenza gewwa s-Swieqi lura f'Mejju tas-sena 2009 a detriment ta` Michael Azzopardi.

A bazi ta` dawn ir-rizultanzi, l-imputat tressaq il-Qorti biex jirrispondi ghall-imputazzjonijiet migjuba ta` ricettazzjoni u pussess ta` arma minghajr licenzja.

**Ikkunsidrat**;

Illi din il-Qorti qieset sew u dettaljatament dak li rrizulta fil-process u hija tal-fehema illi, ghal dak li jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni, dik ta` ricettazzjoni, il-prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova l-kaz taghha skond il-ligi. Apparti li hija arma wahda li tirrizulta li kienet misruqa (izda anke l-armi l-ohra jidher li ma ghandhomx provenjenza lecita`), jibqa l-fatt li l-lok u c-cirkostanzi kollha ta` kif saret is-sejba jqanqlu dubbju serju f'mohh din il-Qorti dwar min ghandu effettivament jirrispondi ghall-pussess ta` tali armi (*revolvers*) u munizzjon.

Din il-Qorti trid necessarjament tkun iggwidata mill-principji applikabbli fil-kamp kriminali u effettivament, bl-applikazzjoni stretta ta` tali principji, tasal biex tikkonkludi li ma hemm xejn fil-process li oggettivament jorbot lill-imputat mas-sejba tal-armi allegatament misruqa jew ta` provenjenza illecita`, ghajr naturalment, l-ufficcju fejn instabu. Mhux kontestat li tali ufficcju kien ta` l-imputat. Izda hemm numru sostanzjali ta` cirkostanzi, ilkoll rizultanti mill-process, fosthom izda mhux biss, l-access ghal tali ufficcju, il-presenza tal-persuna ta` Jason Pace fix-xenarju generali ta` dan il-kaz, u l-intervent xejn xieraq ta` l-ahwa Tonna fl-entuzjazmu zejjed biex jirkupraw il-fond taghhom jew il-pussess tieghu, li ma jhallux lil din il-Qorti tikkonkludi legalment li tezisti rabta fattwali u idonea bejn l-imputat u dawk l-armi partikolari.

Fic-cirkostanzi ghalhekk, l-ewwel imputazzjoni ma tirrizultax sodisfacentement ippruvata u kwindi l-imputat ghandu jigi lliberat minnha.

Mhux l-istess jista jinghad dwar it-tieni imputazzjoni. Filwaqt li ma tirrizultax (ghar-ragunijiet fuq gia esposti) ir-rabta fattwali bejn ir-*revolvers* allegatament misruqa jew ta` provenjenza illecita` u l-munizzjon maghhom relatati, tezisti pero` rabta fattwali bizzejjed u idonea bejn l-imputat u s-senter tal-marka SAVAS propjeta` ta` Jason Pace. Qatt ma gie kkontestat li l-imputat kellu l-pussess ta` l-ufficcju tieghu. In oltre, *ex admissis*, l-imputat jikkonferma fl-istqarrija illi huwa awtorizza iz-zamma tas-senter in kwistjoni fl-ufficcju tieghu. Dan ifisser illi anke jekk ghal ftit, l-imputat kellu, fl-14 ta` Awwissu 2010 u fix-xhur ta` qabel, fil-kontroll tieghu s-senter imsemmi. Dan gabu passabbli a bazi tat-tieni imputazzjoni dedotta, dik taht il-Kap 480 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Konkluzjoni**;

**GHALL-MOTIVI PREMESSI L-QORTI**, wara li rat l-Artikoli 334 u 279(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta u l-Artikoli 5(1) u 51(2) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta` Malta, **issib lil Giuseppe Trapani** mhux hati ta` l-ewwel imputazzjoni u minnha tilliberah skond il-ligi; issibu **hati** pero **tat-tieni imputazzjoni u tikkundannah multa komplessiva ta` tmien mitt Euro (€800)**.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------